MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 714/1997/1

Lucia Norma Saliba
vs
Director, Education Department

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-11 ta' Mejju 1987 hija sofriet ingustizzja f'li ma nghatax l-appointment ta' Kindergarten Assistant I.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Hija kienet ilha tahdem bhala casual Kindergarten Assistant mit-23 ta' April 1987 wara li kienet harget sejha ghall-applikazzjoni ghall-"full timers" fil-Gazzetta tal-Gvern No: 14612 datata 16 ta' Lulju 1986. Kien hemm numru li nghataw l-appointment ufficjalment fid-data tas-7 ta' Mejju

1987 u ohra fil-11 ta' Mejju 1987. Ghalkemm hija kienet ufficjalment mahtura bhala Kindergarten Assistant, l-appointment ma haditux fil-11 ta' Mejju 1987 kif kien suppost. Hija kienet kellmet lid-Direttur ta' l-Education Department kif ukoll l-Malta Union of Teachers dwar dan. Ghalkemm dejjem qalulha li ghandha ragun, l-appointment ma harigx. Hija ma kellhiex alternattiva ohra hlief li taccetta u tibqa' tahdem bhala casual, ghalkemm l-applikazzjoni kienet cara li kienu riedu jimpjegaw "full timers' u mhux casuals jew part timers. Hija baqghet tahdem bhala casual/part timer sa kemm regghet harget sejha gdida ghall-applikazzjoni ta' Kindergarten Assistant 1 fil-1992. Hija hasset li saret ingustizzja maghha minhabba t-twemmin politiku taghha. Ma kien hemm l-ebda raguni ohra ghaliex hija ma kellhiex tieghu l-appointment mill-11 ta' Mejju 1987.

Illi hija kien bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li tindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li tinghata rimedju billi tigi ordnata illi tinghata l-appointment b'effett mill-11 ta' Mejju 1987 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li tigi ordnata li tithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Agent Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepixxa:

Illi preliminarjament, peress li r-rakkomandazzjonijiet ghal reklutagg isiru lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din ghandha tigi kjamata fil-kaz sakemm dan huwa permess mill-Att VIII ta' l-1997.

Illi fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Lulju 1986 giet pubblikata sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-postijiet ta' Kindergarten Assistant I u r-rikorrenti kienet fost l-applikanti.

Illi l-process tal-ghazla kif normalment isir kien f'idejn il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi r-rikorrenti giet fil-173 post skond ir-rizultat finali.

Illi fit-28 ta' Jannar 1987 is-Segretarju fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Ambjent irrakkomanda li l-ewwel 190 kandidat jigu appuntati Kindergarten Assistant I.

Illi fil-11 ta' Marzu 1987 l-Establishment Secretary approva li 137 mill-190 rakkomandati jinghataw il-hatra (***Ara dokument B mehmuz).***

Illi s-segretarju fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Ambjent fit-30 ta' Marzu 1987 kiteb lis-Segretarju Amministrattiv fl-Ufficcju tal-Prim Ministru biex numru ta' kandidati li ghaddew fl-intervista tas-sejha ghall-applikazzjonijiet, fosthom ir-rikorrenti jigu impjegati bhala casuals sakemm issir rakkomandazzjoni ohra. (***Ara dokument C mehmuz).***

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jichad it-talba tar-rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn qalet li kienet applikat biex tidhol Kindergarten Assistant fl-1986, kienet

intaghzlet u dahlet tahdem bhala Casual Kindergarten Assistant. Semmiet li meta nbidlet l-amministrazzjoni f' Mejju 1987, certu Mary A. Testa, giet appuntata tal-post, ezattament fil-11 ta' Mejju 1987. Spjegat li hi kienet insistiet kemm mad-Direttur tal-Edukazzjoni, kif ukoll mal-Malta Union of Teachers, biex issir full time u ma tibqax casual, anke minhabba l-fatt li s-sejha fl-1986 kienet ghal full timers. Hi ziedet tghid li nghatat ragun izda xorta baqghet bhala part-timer sal-1992 sa meta applikat ghal sejha ohra li kienet harget, u saret tal-post f'Ottubru 1992. Hi lmentat li tilfet il-flus f'dak iz-zmien sakemm saret tal-post.

In kontro-ezami, qalet li hi kienet eligibbli skond is-sejha li kienet harget fl-1986, izda ma kellhiex esperjenza tal-prattika. Hi qalet li taf li dawk li gew appuntati fl-1987 kienu minn tal-ewwel 137. Semmiet li fis-sejha tal-1992, hi kienet giet fis-26 post, u hi kienet damet casual mill-1987 sal-1988, u mill-1988 sal-1992 kienet part timer sakemm saret tal-post fl-1992. Qalet ukoll li meta marret ghall-intervista fl-1987, il-mistoqsijiet li staqsewha kienu rigward it-tfal tal-kindergarten u qalet li wiegbet sew peress li diga` kellha esperjenza f'dan il-kamp.

Xehdet Mary Muscat li fl-1986 kienet Education Officer, u kienet responsabbli mill-Kindergarten Assistants, li ftakret li fl-1987 kien hemm xi whud mill-Kindergarten Assistants li kienu casuals u xi whud li kienu tal-post.

Xehdet Lina Agius li qalet li fl-1987 kienet kap ta' skola u fl-1988, kienet giet mitluba tiehu l-kariga ta' Education Officer biex tkun Head tal-Kindergarten Assistants li kienu casuals. Semmiet li numru ta' persuni fosthom ir-rikorrenti kienu marru jilmentaw maghha li huma ma kienux saru Kindergarten Assistants tal-post. Fir-rigward tas-Sinjura Testa, qalet li meta marret fl-1988, diga` sabitha hemmhekk.

Xehed John Bencini President tal-Malta Union of Teachers, li qal li r-rikorrenti kienet marret tressaq ilment ghandu. Hu rrefera ghal fol 6, 7, 8 u 9 fil-process, fejn kien gie rakkomandat minn membru tal-bord, li l-ewwel

190 isiru Kindergarten Assistants, izda fil-11 ta' Marzu 1987, l-Establishments kien approva 137. Spjega li fis-7 ta' Mejju 1987 gew appuntati 17 ohra minn barra u fil-11 ta' Mejju 1987 giet appuntata Mary Antonia Resta. Qal li r-rikorrenti baqghet bhala casual sa Mejju 1988 u minn Ottubru 1988 sa Jannar 1992 hi baqghet bhala Kindergarten Assistant part time, dan sakemm saret sejha ohra u giet appuntata bhala full time fit-13 ta' Ottubru 1992.

Xehed Mario Cacciatolo rapprezentant tad-Direttur tal-Edukazzjoni, li qal li l-procedura hi li l-Education Division jara xi bzonnijiet ikollu u jitolbu lill-Management and Personnel Office u l-Public Service Commission biex japprova li jsiru l-promozzjonijiet. Semma in partikolari ghall-Kandergarten Assistants, it-talba kienet li jigu impjegati 190 u l-Management and Personnel Office li kien jiddeciedi kemm jigu impjegati nies, kien taw permess biss biex jigu impjegati 137. Qal li kien gie deciz mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni li dawk li kienu applikaw u kienu attendew ghall-intervista kienu ser jimpjegawhom bhala part-time jew casuals, izda mhux b' mod regolari. Izda qal li kien hemm xi zmien meta saru full-time u gew regolari, u r-rikorrenti saret full-time fl-1992.

Xehed Leo Bonnici rapprezentant tal-Management and Personnel Office, li qal fir-rigward tal-applikazzjonijiet li kienu hargu fl-1987, kien hemm rakkomandazzjoni mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, u dan biex jimtlew 190 post ghal Kindergarten Assistants I. Spjega li l-Public Service Commission qalet li kien hemm 138 minn 145 Casual Kindergarten Assistants li kien hemm dak iz-zmien fl-Education, 138 minnhom gew l-ewwel 138 fl-order of merit. Qal li bejn il-145 u 138, 4 minnhom lehqu telqu minn casuals, waqt li t-tlieta l-ohra li kienu ghadhom casuals, lanqas jidhru fl-order of merit ghax tnejn m'attendewx ghall-intervista u wahda kienet applikat tard, jigifieri d-differenza ta' 7 kienet insinjifikanti. Semma li l-Public Service Commission kienet qed tghid lill-Administrative Secretary, dan l-ezercizzju qed isir biex nirregolarizzaw il-Casual Kindergarten Assistants. Zied ighid li sussegwentement, il-Public Service Commission

baqghet izzomm il-pozizzjoni taghha li taghmel 137, fejn in-numru 22 kienet saret ghalliema u ghalhekk ghamlu 138. Qal li wara nqalghu vakanzi ohra, fil-fatt fit-30 ta' Marzu 1987, u mill-Education Division kitbu lill-Administrative Secretary fejn l-Establishment Secretary, l-Management and Personnel Office qal lill-Education li tista' taghmel 35 ohra. Kompla ighid, li effettivament, fit-28 ta' April 1987, ircevew ittra minghand id-Direttur tal-Edukazzjoni, li kienet tghid li kien hemm bzonn ta' 21 Kindergarten Assistants I. Qal li l-21 waslu sa Angela Micallef li kienet il-159, u Mary Antonia Resta kienet fil-146 post. Fl-ahharnett, qal li l-21 gew approvati mill-Prim Ministru fis-7 ta' Mejju 1987.

In kontro-ezami, qal li l-ghazla tal-Kindergarten Assistant I kienet saru biss bl-intervista. Qal li mid-dokumenti li ghandu, jirrizulta li Maria Antonia Resta giet mahtura mal-ohrajn.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi r-rikorrenti qeghdha tilmenta mill-fatt li hi ma gietx moghtija l-grad ta' Kindergarten Assistant meta kien haqqha. Irrizulta li bhala stat ta' fatt hi kienet applikat wara li kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Lulju 1986 ghall-mili ta' postijiet ta' Kindergarten Assistant I/Kindergarten Assistant (Skejjel Specjali ) fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Ir-rikorrenti kienet fost l-elf mija u tmienja u sittin (1168) persuna li applikaw ghal dan il-post. Illi mir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla jidher li r-rikorrenti giet fil-mija tlieta u sebghin (173) post fl-ordni tal-mertu b' total ta' 349 marka. F' Jannar 1987 id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni irrakkomanda li l-ewwel mija u disghin (190) kandidat skond l-ordni tal-mertu jigu mahtura Kindergarten Assistants I. Il-Kummissjoni ghamlet rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru sabiex jimtlew mija u sebgha u tletin (137) post li kienu okkupati minn Casual Kindergarten Assistants. Din ir-rakkomandazzjoni saret fid-9 ta' Marzu 1987 u l-Prim Ministru ffirmaha fil-11 ta' Marzu 1987. Peress li wahda mill-applikanti rakkomandata ghall-Kindergarten Assistant lahqet saret Teacher, il-Kummissjoni ghamlet rakkomandazzjoni fid-9 ta' April

1987 sabiex tinhatar Kindergarten Assistant il-kandidata li giet fil-mija u tmienja u tletin (138) post. Din ir-rakkomandazzjoni giet iffirmata mill-Prim Ministru fit-22 ta' April 1987. Fis-7 ta' Mejju 1987 il-Kummissjoni ghamlet rakkomandazzjoni ohra sabiex jinhatru wiehed u ghoxrin (21) persuna ohra biex jimtlew vakanzi godda li nholqu bil-hatra ta' wiehed u ghoxrin (21) Kindergarten Assistants I ghal Kindergarten Assistants II. Il-Prim Ministru ffirma din ir-rakkomandazzjoni fis-7 ta' Mejju 1987.

Illi r-rikorrenti f' ebda stadju tal-proceduri ma attakkat ir-rizultat jew l-intervista u ghalhekk certament li t-Tribunal m' ghandux ghalfejn jistharreg dan l-aspett oltre ghall-fatt li dan kollu sar qabel id-9 ta' Mejju 1987, data minn meta t-Tribunal jista' jezamina ilmenti a tenur tal-Kap 394 Artikolu 5 (4).

Jinghad ukoll li meta nhatru l-21 persuna zejda l-imsemmija Mary Resta kienet giet fil-146 pozizzjoni fl-interviews originali u cioe` ferm qabel ir-rikorrenti li giet fil-173 pozizzjoni. Illi jidher li fil-fatt din Resta giet moghtija l-appointment formali fil-11 ta' Mejju 1987 u ghalhekk tali hatra hija sindakabbli mit-Tribunal izda t-Tribunal ma jista' jsib xejn x' jissindika f' din il-hatra meta skond il-lista Resta giet klassifikata fil-146 post u r-rikorrenti fil-173 post. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------